# *MRO. GIUSEPPE STIVALA (1897-1950)*

## *Mitt sena minn Twelidu*



Is-Surmast Giuseppe Stivala twieled fin-Naxxar proprju mitt sena ilu, fl-1897. Il-ħajra li wera minn bikri fil-ħajja tiegħu tixhed li f'demmu kien hemm tbaqbaq il-ġibda lejn l-arti mużikali u x-xewqa li jiżviluppaha fih. Nagħtuh il-mertu kollu għalhekk meta nsiru nafu li bħala naqra ta' żagħżugħ kien idoqq bħala bandist mal-banda 'La Valette' tal-Belt, kif ukoll mal-banda tar-Royal Malta Artillery (RMA). Barra minn hekk għamel żmien bħala għalliem fl-iskola militari. Din il-kariga hija riżultat u xhieda ta' l-intelliġenza u d-determinazzjoni li kienu konsistenti fih.

B'danakollu, fil-karriera mużikali tiegħu bħala Surmast u Direttur lil Giuseppe Stivala nsibuh barra pajjiżna, mal-banda 'Melita' ta' Tuneż. Kif jixhed l-isem, li kien l-isem ta' Malta taħt ir-Rumani, din il-banda kienet il-frott ta' Maltin f'Tuneż, li waqqfuha. Dawn talbuh ikun il-mexxej tal-banda tagħhom u hekk għanewlu t-triq li huwa dejjem baqa' miexi fiha sa l-aħħar ta' ħajtu bl-akbar skruplu. Fil-fatt id-dixxiplina miegħu nnifsu u mal-bandisti kienet karatteristika tiegħu.

Ġewwa l-gżejjer tagħna Stivala nħatar Surmast Direttur ta' diversi baned Maltin u Għawdxin. F'Għawdex mexxa liż-żewġ baned tar-Rabat, 'Leone' u 'La Stella'. Kien surmast direttur tal-banda 'La Stella' bejn is-snin 1925-26. Lill-banda 'Leone' serviha bħala surmast direttur bejn is-snin 1933-36. Fil-fatt, il-kuntatt mid-diriġenti tal-banda 'Leone' kien sar meta Mro. Stivala kien għadu Tuneż. B'hekk, il-banda 'Leone' kienet l-ewwel banda lokali li mexxa dan is-surmast Naxxari mindu ġie lura Malta minn Tuneż. F'Malta mexxa lill-banda 'De Paule' tar-Raħal il-Ġdid (bejn is-snin 1935-48).

Ta' Naxxari li kien, is-Surmast Stivala stinka ħafna biex ġewwa raħal twelidu titwaqqaf is-Soċjetà Mużikali 'Vittoria'. In-Naxxarin għarfu ħidmietu u ħiltu fil-mużika billi semmew għalih lil waħda mit-toroq ta' pajjiżhom. Flimkien ma' dan il-għarfien, il-kumitat tas-Soċjetà Mużikali 'Vittoria' waħħal lapida mad-dar fejn twieled Mro. Giuseppe Stivala. Triq oħra msemmija għalih insibuha fir-Raħal il-Ġdid, u bix-xieraq ukoll! Dan għaliex qatta' mat-tlettax-il sena Surmast u Direttur

tal-banda 'De Paule' kif ukoll kien jgħix fl-istess triq. Il-Kumitat ta' l-istess banda, f'għeluq il-75 sena minn twelidu, kienu fakkru u tah ġieħ billi waħħal lapida ma' din id-dar.



Giuseppi Stivala Ex-Surmast tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla.

B'ħila u b'għaqal, dan is-Surmast Naxxari mexxa lill-banda 'L'Isle Adam' tar-Raħal u lill-banda 'San Ġorġ' ta' Bormla. Fil-fatt, fis-sena 1937 insibuh imexxi lill-banda tagħna meta fuq il-planċier il-kbir ġewwa Bormla mexxa l-marċ miktub minnu stess 'San Ġorġ', flimkien mal-'Fedora' u l-'Erodiate'. Fost il-kompożizzjonijiet mużikali li jinsabu fl-arkivju tal-banda 'San Ġorġ' ta' Bormla kien instab librett ta' marċi miktuba minn Giuseppe Stivala nnifsu, li l-ismijiet li jġibu huma lkoll bil-Franċiż. Dan il-librett iġib id-data 1937. Meta darba fost l-oħrajn tkellimt mas-sur Salvu Micallef, bniedem intiż ferm fil-banda 'San Ġorġ' ta' Bormla, dwar il-perjodu li Stivala dam bħala surmast direttur tal-banda ta' Bormla, ġbidt il-konklużjoni li dam bejn is-snin 1936-45.

Filwaqt li kien jinsab fl-aqwa tal-karriera tiegħu, il-mewt ħasditu fil-għomor ta' 53 sena. Fi sbieħ id-9 ta' Mejju 1950, Mro. Giuseppe Stivala temm ħajtu. Sarlu funeral kbir fil-knisja ta' Ġieżu tar-Rabat fejn indifen.

Qalb il-kompożizzjonijiet li kiteb, insibu marċi sinfoniċi kif ukoll brijużi,marċi funebri u sinfoniji. 'Pathetique', li kienet indaqqet mill-orkestra ta' l-Ammiral taħt id-direzzjoni tas-Surmast Bellizzi, li kien is-Surmast Direttur tal-banda 'San Ġorġ' ta' Bormla, hija xhieda tal-ħila tas-Surmast Stivala bħala sinfonista. Il-marċa klassika 'Shoulder to Shoulder' (Spalla ma' spalla) tippreżenta żwieġ kolonjali bejn il-Maltin u l-Ingliżi bħala rifless ta' l-aħħar perjodu tat-tieni gwerra l-kbira – iż-żmien li fih inkitbet din il-kompożizzjoni. Kiteb ukoll l-Innu Popolari tal-banda 'De Paule' li jindaqq ta' kull sena fil-festa ta' Kristu Re tar-Raħal il-Ġdid. Kiteb

ukoll Inno (1863-1933) għall-okkażjoni tas-sebgħin sena mit-twaqqif tal-banda 'Leone', u sar l-innu uffiċjlai ta' l-istess banda. Minn fost il-marċi funebri li kkompona nsemmu dak idddedikat lill-Kalvarju.

Ma nistax ma nsemmix ukoll 'L-isfida', li l-istess Giuseppe Stivala kien ippreżenta l-partituri tagħha lill-Banda Ċittadina 'Leone' fl-1945.

Irrid fl-aħħarnett irrodd ħajr lis-sinjuri Joseph Herbert u Salvu Micallef. Dawn in-nies għenuni kemm b'materjal kif ukoll verbalment bit-tagħrif memorizzat tagħhom.

**Mario Attard**

BIEX IKOLLNA
FESTA SABIĦA
JEĦTIĠ LI NATTENDU
BI ĦĠARNA
GĦALL-FESTI TA' ĠEWWA,
NIEĦDU SEHEM
FIL-FUNZJONIJIET,
U NERSQU LEJN
IS-SAGRAMENT
TAL-QRAR U T-TQARBIN.